32005R0898

16.6.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 153/9

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 898/2008

tal-15 ta' Ġunju 2005

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 (b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jelenka l-persuni li jaqgħu taħt l-iffriżar ta' fondi u riżorsi finanzjarji skont dak ir-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/444/PESK[2] temenda l-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/CFSP[3]. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 għandu, għalhekk, jiġi emendat skont din.

(3) Biex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa b'dan emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

1 ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/2004 (ĠU L 273, 21.8.2004, p. 12).

2 Ara paġna 37 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali

3 ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kummissjoni
Eneko LANDABURU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PLEASE INSERT ANNEX FROM MODEL